MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 596/2008

**Go p.l.c.**

**vs**

**Maria Pisani**

**It-Tribunal,**
Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi li gie pprezentat fit- 8 ta' Awissu 2008, fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro530.06c, rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni mas-serviz telefoniku li jgib in-numru 21310500 account number 10111143 u dank if jirrizulta minn prospett immarkat Dok IZY 1 u minn service agreement immarkat Dok IZY 2 esebiti ma' l-Avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxxijiet legali kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

It-Tribunal jinnota li ghalkemm il-konvenuta kienet giet legalment notifikata, hija baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema' lil Dr. Ingrid Zammit Young tikkonferma bil-gurament taghha li l-ammont mitlub f'din il-kawza ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Peress illi mid-data tal-prezentata 'l hawn baqa' ma sar ebda pagament mill-konvenuta;

It-Tribunal innota wkoll illi l-konvenuta ghalkemm imsejjah diversi drabi baqghet ma dehritx u ghalhekk wisq anqas ipprezentat jew ressqet xi kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta attrici s-somma mitluba ta' Euro530.06c, bl-imghaxxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' l-odjern Avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------